# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2017**

**Talba Nru: 563/16 CZ**

**Health Plaza O.C. Limited (C 51525)**

**vs.**

**Ruth Micallef**

## It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 ta' Novembru 2016 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' seba' mija u ghaxar Euro u wiehed u tletin centezmu (€710.31) minnha dovuti, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' oggetti lilha mibjugha u konsenjati skond ma jirrizulta mill-*istatement* hemm anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Novembmru 2016 u bl-imghax mid-data ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra illi l-konvenuta, debitament notifikata ma pprezentatx risposta u lanqas dehret ghas-seduta tal-11 ta' Jannar 2017.

Ra illi matul l-istess seduta tal-11 ta' Jannar 2017 giet prezentata nota ta' cessjoni dwar il-mertu, filwaqt li s-socjeta' attrici zammet ferma t-talba taghha ghall-ispejjez.

Ra illi halla din il-kawza ghal-lum ghas-sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjez.

**Ikkunsidra:**

Illi l-konvenuta debitament notifikata la ressqet l-ebda risposta u lanqas b'xi mod ikkontestat dak mitlub fil-kawza, hekk kif spjegat fid-dokument li gie prezentat, Dok. A.

Illi t-Tribunal ghalhekk m'ghandu l-ebda raguni ghalfejn ma jqisx illi t-talba tas-socjeta' attrici mhijiex gustifikata. Fuq kollox is-socjeta' attrici iddikjarat li thallset. It-Tribunal m'ghandux dubju li din il-kwistjoni tat lok ghaliha l-konvenuta stess, meta ma hallsitx fil-waqt dak dovut minnha lis-socjeta' attrici, u ghalhekk ghandha tkun hi li thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li l-mertu hu ezawrit u ghalhekk m'hemmx lok li tinghata decizjoni dwar il-mertu, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas l-ispejjez tal-kawza kif mitluba.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur